MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2010

Numru 628/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD CHARLES SPITERI**
**VS**
**DWAYNE PIROTTA**
**JEREMY MALLIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Dwayne Pirotta, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 477088(M) ta’ 21 sena, iben Donald u Elizabeth nee’ Fiteni, imwieled Pieta’, nhar id-9 ta’ Ottubru 1988 u residenti numru 5, ‘Aloha’, Triq il-Parocca, Naxxar. Jeremy Mallia, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 407690(M) ta’ 19 sena, iben Paul u Marcelle nee’ Borg, imwieled Pieta’, nhar il-21 ta’ Awwissu 1990 u residenti numru 10, ‘Casa Grilla’, Triq il-Braelle, Santa Venera.

Illi huma akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar xhur u f'hinijiet differenti b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minn gewwa residenza li jgib numru 43 u 45, Triq l-Kbira, Gharghur, ikkommettew serq ta' flus kontanti u diversi oggetti, li l-valur taghhom jaqbez l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' David Michael Farquhar, liema serq huwa aggravat bil-lok, il-persuna u l-valur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati (ara verbal datat 19 ta' Gunju, 2010);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputati zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati, **Dwayne Pirotta** u **Jeremy Mallia,** hatja skond l-akkuzi u wara li rat Artikoli 261, 267 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 7 tal-Kap.446, tqieghed lill-imputat **Jeremy Mallia taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sena**, waqt illi tqieghed lill-imputat **Dwayne Pirrota taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn u nofs**, it-tnejn taht is Sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista ta' l-eta' giovanili ta' l-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom, il-fatt illi z-zewg imputati huma *first offenders* u raddew lura r-res furtiva kollha lill-kwerelanti.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------